# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Awwissu, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 588/2023/1 ISB**

**Fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2427/2023**

**Fl-ismijiet**

**Nassau Maritime Holding DAC, soċjetà reġistrata ġewwa l-Irlanda, kif lokalment rappreżentata mill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino**

**v.**

**Il-bastiment M/V "DOMINIA" (IMO: 9376854)**

**Il-Qorti:**

1. Din hi proċedura mibdija mill-bastiment M/V Dominia u s-sidien tiegħu Morfini SpA reġistrata fl-Italja permezz tal-**Artikolu 281 tal-Kap. 12**, li biha qed jattakkaw l-ittra uffiċjali ppreżentata fit-8 ta' Ġunju, 2023

(2427/2023) mis-soċjetà rikorrenti. Kontestwalment ma' din il-proċedura huma ppreżentaw ukoll talba għar-revoka tal-mandat ta' arrest kawtelatorju (870/23) maħruġ kontra l-istess bastiment fit-23 ta' Mejju, 2023 u dan skont l-**Artikolu 836(1) tal-Kap. 12,** liema talba hi soġġetta għall-proċedura bin-numru 581/2023.

2. Illi f'dawn il-proċeduri tal-lum magħmula taħt l-**Artikolu 281 tal-Kap. 12** huma talbu sabiex il-Qorti:

> *"1. Tissospendi b'mod urġenti l-effetti kollha tal-ittra uffiċjali 2427/2023 inkluż l-eżegwibbilità tagħha sakemm isir is-smigħ tar-rikors odjern kif ukoll dak bin-numru 581/23;*
>
> *2. Tisma' u tiddeċiedi r-rikors odjern kontestwalment mar-rikors fl-atti tal-Mandat ta' Arrest Kawtelatorju bin-numru 581/2023 fl-ismijiet fuq premessi;*
>
> *3.Tirrevoka għalkollox l-ittra uffiċjali 2427/2023 u/jew l-effetti tal-eżegwibbilità tal-ittra uffiċjali 2427/2023 għar-raġunijiet fuq premessi."*

3. Is-soċjetà Nassau Maritime Holding ressqet eċċezzjoni preliminari għal din il-proċedura fejn sostniet li l-proċedura hi nulla għax l-ittra uffiċjali ma kinitx att eżekuttiv, ċjoè eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv, iżda proċedura li rrendiet titolu eżekuttiv bħala wieħed eżegwibbli.

4. L-Ewwel Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni u ċaħdet it-talbiet permezz ta' provvediment tal-11 ta' Lulju, 2023.

5. L-ittra uffiċjali ta' Nassau Maritime Holding DAC, mertu ta' din l-azzjoni rreferiet għall-kuntratt ta' self datat 12 ta' Lulju, 2007 bejn Morfini

SpA u HSH Nordban AG; għall-*first priority mortgage ossia* ipoteka navali iskritta fir-reġistru tal-bastiment intimat fis-17 ta' Ġunju, 2009 eżegwit minn Morfini favur Nordbank; għal-*loan assignment* tal-21 ta' Ġunju, 2019 u għall-parir legali dwar l-effetti tal-ipoteka navali. Filwaqt li Nassau Maritime Holding DAC sostniet li s-soċjetà debitriċi Morfini naqset li tħallas is-self u għalhekk kienet *in default,* kif konfermat b'*default notice* tat-30 ta' Marzu 2023 notifikata lis-soċjetà debitriċi, hija għamlet is-segwenti dikjarazzjoni:

> *"Għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi din l-ittra uffiċjali qiegħda ssir biex tirrendi l-imsemmi First Priority Mortgage li ġie iskritt fir-reġistru tal-bastiment fis-17 ta' Ġunju 2009 ezżgwibbli bħala att ezekuttiv u dan in forza tal-artikolu 253 et seq tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-artikolu 42 tal-Merchant Shipping Act, 1973, (Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta)."*

6. L-Ewwel Qorti kkunsidrat hekk dwar l-eċċezzjoni:

> *"Illi qabel kwalsiasi konsiderazzjoni oħra u peress illi hija ta' ordni pubbliku, din il-Qorti ser tistħarreġ l-ewwel l-eċċezzjoni proċedurali mressqa mill-intimat noe, fis-sens illi, in kwantu illi r-rikors promotur huwa mressaq ai termini tal-artikolu 281 et seq tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu għaliex ir-rikors huwa irritu u null.*
>
> ***Sfond:***
>
> *Jirriżulta inkontestat illi fit-23 ta' Mejju 2023, il-Qorti laqgħet talba għall-ħrug ta' Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar kawtelatorju bin-numru 870/2023. Sussegwentement, jirriżulta inkontestat ukoll illi fit-8 ta' Ġunju 2023, is-soċjetà hawnekk intimata Nassau Maritime Holdings DAC (Nassau) ppreżentat ittra uffiċjali kontra l-bastiment M.T. Dominia reġistrat fl-Italja bl-IMO numru 9376854, liema ittra uffiċjali kienet notifikata dakinhar stess lill-istess bastiment.*
>
> *Minn qari tal-istess ittra uffiċjali, jirriżulta illi s-soċjetà Nassau rrendiet il-first priority mortgage msemmi fl-istess ittra uffiċjali eżegwibbli.*
>
> *Il-kontestazzjoni jidher illi qed tqum peress illi l-ittra uffiċjali tgħid illi din kienet qiegħda issir "biex tirrendi l-imsemmi First Priority Mortgage li*

*ġie iskritt fir-reġistru tal-bastiment fis-17 ta' Ġunju 2009 eżegwibbli bħala att eżekuttiv". F'dan is-sens u in kwantu dak dikjarat, il-bastiment jsostni illi kellu raġun japplika l-Artikolu 281 tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-bastiment, jingħad "….aħna ma aħniex qed nattakkaw it-titolu eżekuttiv u lanqas it-titolu, lanqas il-kreditu ma qed jiġi kkontestat. Imma qed nattakkaw l-att eżekuttiv" – dan proprju għaliex il-bastiment qed jieħu l-kliem tal-ittra uffiċjali hawn fuq kkwotati u jsostni illi l-ittra uffiċjali hija ammissjoni da parti ta' Nassau illi "qed tirrikonoxxi li t-titolu eżekuttiv huwa att eżekuttiv. Jiġifieri dik l-ittra uffiċjali huwa att eżekuttiv li ġie rikonoxxut mill-kontro-parti. Kien għalhekk illi għamilna u intavolajna l-proċedura tat-281".*

*L-abbli difensur tas-soċjetà Nassau min-naħa l-oħra jiġġustifka l-għoti ta' din l-eċċezzjoni billi jgħid illi wieħed ma jistax jieħu l-kliem "att eżekuttiv" msemmija fl-ittra uffiċjali barra mill-kuntest tagħhom. Jispjega illi kif indikat fl-istess paragrafu tal-ittra uffiċjali, dik kienet qed issir in forza tal-**Artikolu 253 et seq tal-KAP 12** u l-**Artikolu 42 tal-KAP 234**. Isostni illi "l-ittra uffiċjali irrendiet l-mortgage eżegwibbli …….. fil-kuntest ta' żewġ artikoli tal-liġi li huma ċari x'inhuma l-iskop tagħhom …… bl-ittra uffiċjali ma jsirx mandat eżekuttiv kif nafu".*

***Ikkunsidrat Ulterjorment:***

*Il-Qorti fliet l-**Artikoli 253 tal-KAP** u l-**Artikolu 42 tal-KAP 234** u mill-assjem ta' dak prodott u minn qari akkurat tal-ittra uffiċjali de quo, għall-Qorti huwa bil-ferm evidenti illi dak li kienet qed tagħmel is-soċjetà Nassau bil-preżentata tal-ittra uffiċjali ma kienx illi tottjeni att eżekuttiv jew mandat, iżda illi tirrendi eżekuttiv il-First Priority Mortgage msemmi fl-istess ittra sabiex konsegwentement u jekk ikun il-każ, imbagħad tipproċedi għall-ħruġ ta' att eżekuttiv.*

*Il-Qorti ssib komfort f'din il-konklużjoni anke minn qari tal-**Artikolu 273 tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li ċertament ma jinkludix ittra uffiċjali bħala att eżekuttiv. Anzi, jingħad ulterjorment, illi jinkludi l-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar bħala att eżekuttiv.*

*Dan kkonstatat, il-Qorti tirreferi issa għall-**Artikolu 281 tal-KAP 12** li r-rikors promotur odjern huwa msejjes fuqu.*

***L-Artiklu 281 tal-KAP 12** jaqra' testwalment hekk:*

*Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu rrikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv*

*jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

*Issa, kif ġa kellha okkazjonijiet oħra tgħid il-Qorti, l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-**Artikolu 281 tal-KAP 12** huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-<u>att eżekuttiv</u> innifsu li, bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-saħħa tiegħu l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ [**HSBC Bank Plc v. Doris Conchin** 28.07.2011].*

*Finalment, il-Qorti tosserva wkoll, illi kontestwalment ma' dan id-digriet, qed jingħata wkoll digriet għar-rikors 581/2023 imressaq ukoll mill-basiment M/V Dominia kontestwalment ma' dan ir-rikors, u li huwa rikors imressaq ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-KAP 12 sabiex appuntu jitlob ir-revoka tal-Mandat Kawtelatorju ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Bahar numru 581/2023. Il-Qorti għalhekk ftit tifhem kif kontestwalment, il-bastiment qed isostni illi Nassau għandha kemm att eżekuttiv u kemm att kawtelatorju f'daqqa, naxxenti mill-istess Mandat, l-istess ittra uffiċjali u l-istess fatti.*

*Il-Qorti tqis illi una volta illi l-bastiment M/V Dominia ressaq il-proċedura 581/2023 ai termini tal-**Artikolu 836(1) tal-KAP 12** fir-rigward ta' Mandati kawtelatorji, dan mar biex jimmilita kontra t-teżi tal-istess vapur illi l-ittra uffiċjali tikkostitwixxi att eżekuttiv.*

*Filwaqt għalhekk illi d-diskussjoni li segwiet bejn il-partijiet, lil hinn minn din il-konsiderazzjoni u eċċezzjoni formali proċedurali preliminari, ċertament illi tqajjem interess, b'danakollu u una volta illi l-Qorti qed tikkonkludi illi l-ittra uffiċjali **mhix** att eżekuttiv imma huwa att ġudzzjarju illi qiegħed jirrendi titolu eżekuttiv il-First Priority Mortgage, allura l-Qorti hija obbligata illi tieqaf hawn u tiddikjara biss illi r-rikors tal-Bastiment M/V Dominia huwa irritu u null.*

***GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qed tgħaddi biex <u>tiċħad</u> ir-rikors tal-bastiment M/V Dominia tat-12 ta' Ġunju 2023 u tiddikjarah bħala irritu u null."*

7. L-aggravju tal-appellanti fl-appell magħmul hu illi l-Ewwel Qorti naqset li tqis li l-ittra uffiċjali saret preċiżament biex tirrendi l-*first priority mortgage* bħala att eżekuttiv, kif isemmi l-**Artikolu 281 tal-Kap. 12** u għalhekk skont l-**Artikolu 693 tal-Kap. 12,** kull ammissjoni ta' fatt tista'

tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha. Iżżid tgħid li l-**Artikolu 281 j**agħti l-fakoltà lill-Qorti sabiex tirrevoka l-att għal '*kull raġuni*' u li l-Ewwel Qorti naqset milli tindirizza l-kontenut tal-ittra uffiċjali minn dan l-aspett.

8. Din il-Qorti minnufih tgħid li l-appellanti m'għandhomx raġuni fl-aggravju magħmul. Minn qari akkurat u loġiku tal-ittra uffiċjali jidher ċar illi l-ittra uffiċjali saret bis-saħħa tal-**Artikolu 42(2) tal-Kap. 234**, li jgħid li ipoteka navali titqies bħala titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-**Artikolu 253 tal-Kap. 12.** Fil-fatt hu l-**Artikolu 253** li jissemma fl-ittra uffiċjali inkwistjoni. L-ittra uffiċjali f'dan il-każ irrendiet l-ipoteka navali bħala titolu eżegwibbli, li f'dan il-każ jikkonsisti fi ħlas ta' debitu eżegwibbli skont il-liġi kif irid l-**Artikolu 256(2) tal-Kap. 12**. Dan mhuwiex l-att eżekuttiv li jsemmi l-**Artikolu 281** billi dan l-artikolu qed jirreferi għall-proċedura sussegwenti għall-ittra uffiċjali fuq imsemmija, ċjoè l-eżekuzzjoni tat-titolu nnifsu biex il-kreditur jitħallas il-kreditu dovut lilu bl-att eżekuttiv opportun maħruġ bis-saħħa tal-ittra uffiċjali li rrendiet tali kreditu eżegwibbli. Dan jieħu l-forma ta' mandat eżekuttiv. Għalhekk m'għandhomx raġun l-appellanti meta jgħidu li l-Ewwel Qorti fehmet ħażin il-kunċett legali involut bin-notifika tal-ittra uffiċjali li qed tiġi attakkata bi proċedura mhux idonea għal tali skop. Huma wkoll żbaljati l-appellanti li jinsistu li l-appellat għamel xi dikjarazzjoni fl-ittra uffiċjali li tagħti lok għal ammissjoni li l-proċedura fl-ittra uffiċjali kienet ekwivalenti għal att ezekuttiv. Hu minnu illi l-appellat uża l-kelma 'att eżekuttiv' però dan hu kjarament żball fil-

kelma wżata għaliex l-ittra uffiċjali nfisha qatt ma tista' tikkostitwixxi att eżekuttiv kif jippretendu l-appellanti. Għalhekk id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet korretta.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell tal-appellanti u tikkonferma l-provvediment tal-Ewwel Qorti tal-11 ta' Lulju 2023, bi spejjeż għall-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr